MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 195/2001/1

Avviz Nru:-195/01DM

Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michelle Peresso Ltd abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi

Vs

Carmelo Caruana Compnay Limited bhala agenti f’Malta ta’ Damco Maritime Gmbh agenti ta’ DM Consol Line, carrier tal-vapur ‘NYK KAI ‘ u bhala operaturi tal-bonded stores

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema tal-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma komplessiva ta’ Lm715.86 (seba’ mija u hmistax-il Lira u sitta u tmenin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn

dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill- assigurati taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV. Nyk Kai fl-14 ta’ Marzu 2000, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz DM Consol Line mhix carrier tal-vapur NYK KAI u ma ghandha ebda konnessjoni mal-istess;
2 Fit-tieni lok is-socjeta konvenuta fil-kwalita taghha indikata fl-avviz ma topera ebda “bonded stores” ta’ 8 Transport House Filippo Sciberras, Square, Floriana;
3 Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta konvenuta fil-kwalita taghha indikata fl-avviz tichad illi kien hemm xi nuqqasijiet f’merkanzija appartenenti lill-assigurat tas-socjeta attrici li kienet responsabbli ghaliha hi;
4 Minghajr pregudizzju, anke jekk jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet, ghal dawn in-nuqqasijiet ma kienitx responsabbli is-socjeta attrici fil-kwalita’ indikata fl-avviz;
5 Ghal dawn ir-ragunijiet fuq indikati t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;
6 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza hija intempestiva, stante li s-socjeta konvenuta fil-kwalita taghha indikata fl-avviz odjern qatt ma giet interpellata biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet allegati u ghalhekk ma ghandhiex, irrispettivament jekk tigix akkolta t-talba attrici ghall-hlas ta’ Lm715.86 jew inqas, tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;
7 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-kontendenti ma tirrizultax kontestazzjoni fuq il-fatti saljenti li taw lok ghal pendenza odjerna, infatti l-atturi huma kkorroborati f'dak li jsosstnu minn Carl Naudi, prodott mill-kumpanija tal-konvenuta.

Jirrizulta illi l-kumpanija Michele Peresso Limited ordnat kwantita' ta' T-shirts minghand id-ditta Adidas tal-Germanja u ghal xi nuqqassijiet jew hsarat li setghu jsiru waqt dan it-trasport din l-istess socjeta assigurat il-merkazija mall-kumpanija attrici Atlas Insurance Agency Limited.

Il-kumpanija Adidas tal-Germanja, li kellha tiehu hsieb li twassal il-merkanzija ghand il-kumpanija Maltija, Michelle Peresso Limited inkarigat esklussivament ghal dan it-trasport lill-kumpanija Damco Maritime Gmbh illi tmexxi linja ta' trasport u shipping bl'isem DM Consol Line.

Din id-ditta Damco Maritime Gmbh ghandha agenti taghha f'Malta il-kumpanija konvenuta, Carmelo Caruana Company Limited, li kienu gew moghtija istruzzjonijiet minghand il-principal taghhom sabiex jircievu l-merkanzija spedita mill-Adidas fl-ahharnett fil-'bonded stores' taghhom minn fejn kellhom jirrilaxxjawha lil Michele Peresso Limited.

Mill-provi prodotti mill-konvenuti jirrizulta illi, biex ittrasportaturi Damco Maritime Gmbh jesegwixxu l-inkarigu taghhom, huma ghamlu uzu minn ditta ohra li jisimhom Saco Shipping, rapprezentati hawn Malta minn Palm Shipping Limited, sabiex dawn jiehdu hsieb it-trasport u Damco Maritime Gmbh, indikat l-imhazen ta' Saco shipping bhala l-post fejn il-kumpanija Adidas kellha tikkonsenja l-merkanzija biex tigi ttrasportata lejn Malta.

Evidentement meta l-merkanzija waslet Malta ittiehdet fil-'bonded stores' ta' Palm shipping l-agenti ta' Saco Shipping minn fejn giet ittrasportata ghall- 'bonded stores' tal-kumpanija konvenuta, bhala agenti tat-trasportaturi inkarigati, sabiex minn hemm tigi kkonsenjata lill-importaturi Michele Peresso Limited.

Meta Michele Peresso Limited irtiraw l-merkanzija minghand il-konvenuti, huma mmedjatament irriskontraw hsarat fil-'pallets' u fil-kartun li fih kienet ippakkjata l-merkanzija u sabu n-nuqqasijiet indikati fis-survey dokument GP1 (a fol 18 tal-process) u li fil-fatt gew ukoll ikkonfermati mill-kumpanija konvenuta bil-fax taghhom tat-13 ta' Settembru tas-sena 2000 (kopja esibita bhala Dok, BV1 a fol 19 tal-process).

Minhabba dawn in-nuqqasijiet, a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni, l-kumpanija Michele Peresso Limited, ghamlet talba ghal kumpens lill-kumpanija assikuratrici, Atlas Insurance Agency Limited, li, a bazi tal-polza, hallset a saldu tan-nuqqasijiet u ghall-ispejjes biex sar is-survey is-somma komplessiva ta' Lm715 .86 (seba' mija u hmistax il-lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) u giet surrogat fid-drittijiet tal-assikurati taghha ghal dak li jirrigwarda din is-somma.

Minn dawn il-provi jirrizulta wkoll ampjament illi dawn in-nuqqasijiet avveraw ruhhom wara l-merkanzija kienet giet rilaxxjata fil-kura u kustodja tad-ditta  Damco Maritime Gmbh jew meta kienet fil-kustodja ta' xi kuntratturi mqabbdin minn din id-ditta, li maghhom l-importaturi jew il-kumpanija attrici m'ghandhom ebda relazzjonijiet.

Infatti l-merkanzija, meta giet ikkonsenjata mill-esportaturi fejn indikat mit-trasportaturi, kienet giet iccertifikata li ma kellha ebda hsarat u kienet tikkonsisti f'dawk il-pallets u kartun illi gew indikati fil-'bill of lading' mahrug mill-istess ditta Damco Maritime Gmbh, u esibit (a fol 21 tal-process).

Fin-nuqqas ta’ ebda indikazzjoni fil-“bill of lading” illi l-kaxxex tal-merkanzija kellhom xi hsarat jew indikazzjonijiet illi setghu kienu b’xi mod imbaghbsin, dawn ghandhom jigu ritenuti illi meta kienu gew ikkonsenjati, kienu gew ikkonsenjati intatti u kellhom jigu ttrasportati u rrilaxxati lill-importaturi fl-istess stat illi kienu gew ricevuti; izda f’dan il-kaz irrizulta illi dawn il-kaxxex kienu gew rilaxxjati miftughin u evidentement imbaghbsin b’diversi T-shirts li kienu qeghdin gewwa fihom, misjuba nieqsin.

Ghalhekk il-kumpanija li dahlet ghat-trasport ta’ din il-merkanzija u li kienet obbligata illi twassal l-istess fid-destinazzjoni fl-istess stat li ircevietha hija responsabbli ghan-nuqqasijiet kollha illi rrizultaw f’din il-merkanzija meta giet rilaxxjata lill-importatur. Dan irrispettivament minn kull natura u xorta ta’ operazzjoni li t-trasportaturi setghu ftehmu ma terzi biex ikunu jistghu jghaqdu ahjar l-inkarigu taghhom

L-importaturi u l-assikuraturi taghhom m’ghandhom ebda relazzjoni ma xi sotto- kuntrattur li mieghu t-trasportaturi dehrilhom illi jiftehmu biex jistghu jezegwixxu l-obbligu taghhom li jwasslu l-merkanzija ghand l-importatutur fl-intier taghha u minghajr hsara..

Ma dawn is-sotto-kuntratturi ghandhom biss relazzjoni t-trasportaturi Damco Maritime Gmbh u din id-ditta biss tista’ tirrikorri ghand il-kuntratturi minnha inkarigati jekk issostni illi dawn jistghu jkunu involuti fir-responsabbilta’ ghan-nuqqasijiet riskontrati.

Ghalhekk ir-responsabbilta’ ghal dawn in-nuqqasijiet fil-konfront tal-importaturi Michele Peresso Limited hija esklusivament tal-kumpanija Damco Maritime Gmbh kif rappresentata hawn Malta, minn Carmelo Caruana Company Limited illi, kif huwa accettat u stabbilit mill-provi, huma l-agenti f’Malta tal-kumpanija imsemmija.

Ghalhekk il-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti filwaqt li tirrileva illi l-indirizz indikat fit-tieni eccezzjoni jirreferi ghall-ufficju registrat tal-kumpanija

konvenuta u mhux ghal ‘bonded stores’ taghha, u l-fatt tal-interpellazzjoni o meno m’ghandhu ebda rilevanza meta l-kumpanija konvenuta infatti ikkontestat it-talba attrici u ma accetax ir-responsabilita’.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti qajmu l-kwistjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin a bazi tal-kundizzjonijiet imposti fil-polza ta’ karigu; izda billi din il-kwistjoni ma tqajmitx fil-bidu tal-kawza permezz ta’ eccezzjoni formali l-konvenuti ghandhom jigu meqjusa illi irrinunzjaw ghall dina l-eccezzjoni u ssottomettew ruhhom ghal gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-Qorti qedgha tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm715 .86 (seba’ mija u hmistax il-lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) bl-imghax legali mit-13 ta’ Marzu tas-sena 2001 u b’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-konvenuti fil-konfront ta’ terzi *si et quatenus*;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------